Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,211, 22 ta' Diċembru, 1995

Taqsima B

A.L. 187 ta' l-1995

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' L-ARTIJIET
(KAP. 296)

Regoli ta' l-1995 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Preżentazzjoni ta' Pjanti għal skop ta' Reġistrazzjoni ta' Artijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 59 ta' l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' l-Artijiet, il-Ministru tal-Ġustizzja u Kultura għamel ir-regoli li ġejjin: —

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu Regoli ta' l-1995 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Preżentazzjoni ta' Pjanti għal skop ta' Reġistrazzjoni ta' Artijiet, u għandhom jinqraw u jiftehmu bħala ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-1994 dwar il-Preżentazzjoni ta' Pjanti għal skop ta' Reġistrazzjoni ta' Artijiet, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". A.L. 43 ta' l-1994.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Frar, 1996.

Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

2. Fil-paragrafu (2) tar-regola 2 tar-regoli prinċipali, il-kelma "minimu" għandha tithassar.

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

3. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu (1) tagħha, minflok il-kliem "tista' tintehmeż" għandhom jidħlu l-kliem "għandha tintehmeż"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (3) tiegħu, għandhom jidħlu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(4) Kull min hu interessat jista' jagħmel kopji tal-pjanta imsemmija fil-paragrafu (1) ta' din ir-regola, kemm-il darba l-pjanta sottomessa mar-riċerka uffiċċjali u/jew ma' l-applikazzjoni tkun il-pjanta oriġinali mixtrija mir-Reġistru

ta' l-Artijiet. Dak l-oriġinal, għandu jkun fih il-marki, kuluri, qisien u informazzjoni kollha mitluba b'dawn ir-regoli.

(5) Il-pjanta oriġinali, kompletata mill-perit, jew taħt is-superviżjoni tiegħu, għandha tiġi ffirmata bil-blu mill-perit, u taħtha jitpoġġa t-timbru tiegħu jew jikteb ismu b'ittri kbar taħt il-firma tiegħu.".